**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-KUMMERC)**
**GHAWDEX**

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum il-Gimgha, 12 ta' April 2024**

**Rikors Numru:- 4/2021JVC**

**Rapa Showrooms Company Limited (C-6533)**

**vs**

**Francesco sive Frank Rapa**

**Il-Qorti**

Rat il-provvediment li permezz tieghu l-kumpannija Rapa Construction Industries Limited (C7906) kienet dikjarata xjolta minn din il-Qorti fit-13 ta' Lulju, 2022 kif izda korrett permezz ta' digriet datat 28 ta' Novembru, 2022 u li permezz tieghu kien ordnat l-istralc taghha.

Rat l-atti kollha tal-procediment ta' stralc inkluz il-verbal tas-seduti kollha li saru, l-informazzjoni mghoddija minn zmien ghal zmien mill-istralcjarji, in vista tal-bidla fl-istralcjarju fil-mori u dan kif evidenzjat mill-verbali tas-seduti mizmuma u kif ukoll mir-rapporti preliminari mhejjina u ppresentati;

Rat ir-rapport datat 9 ta' Awwissu, 2023 u rat ukoll l-ahhar rapport/rikors mhejji mill-istralcjatur minn fejn jirrizulta:

a) Li saret il-laqgha tal-kredituri nhar is-26 ta' Lulju, 2023;

b) Illi ghal din il-laqgha msejjha bil-pubblikazzjonijiet opportuni m'attendewx kredituri ghalkemm l-unici kredituri li wrew interess mal-istess stralcjatur kienu r-Registru tal-Kumpaniji u l-Kummissarju tat-Taxxi li kkonfermaw id-djun dovuti lilhom kif isegwi:

(i) Registratur tal-Kumpaniji: € 1,133.01;
(ii) Kummissarju tat-Taxxi: €55,489.00;
gew skuzati milli jattendu ghal-laqgha tal-kredituri;

c) Rat li l-istralcjatur iddikjarat ukoll li l-kumpanija xjolta m'ghandiex flus iddepositati fil-banek f'Malta u li ma' Transport Malta jirrizulta li l-kumpanija m'ghandhiex vetturi registrati f'isimha.

d)Rat illi skont l-iskema ta' distribuzzjoni fl-istess rapport datat 9 ta' Awwissu, 2023 l-kumpanija m'ghandhiex attiv bizzejjed sabiex taghmel tajjeb ghall-passiv taghha u giet indikata gradwazzjoni tal-krediti fl-istess nota;

Rat li permezz ta' digriet ta' din il-Qorti datat it-3 ta' Jannar, 2024 din il-Qorti stabiliet ir-remunerazzjoni tal-istralcjarju fis-somma ta' elf u hames mitt euro (€1,500) u tikkonferma l-istess ordni;

Rat li permezz tal-istess digriet din il-Qorti awtorizzat lill-istralcjarju tapplika porzjoni mill-attiv tal-kumpannija, jekk ikun hemm, favur taghha skont l-ammont kif hekk dekretat.
Tiddikjara ruhha sodisfatta li l-istralcjarju osservat il-htigijiet kollha skont il-Kap. 386 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tqis li sar minn kollox mill-istralcjarju sabiex taqdi tajjeb il-funzjonijiet u l-inkarigu taghha skont il-ligi.

Tqis illi ma hemm xejn aktar ragjonevolment x'isir u b'hekk jista' jinghata l-provvediment finali.

Tqis li l-affarijiet tal-kumpannija huma stralcjati.

Ghaldaqstant, il-Qorti, ghar-ragunijiet hawn fuq premessi u billi kienu mharsa l-htigijiet kollha tal-ligi, qed tghaddi biex:

1. Tapprova l-pjan ta' gradwazzjoni tad-djun tal-kumpannija Rapa Construction Industries Ltd. (C7906) kif dikjarat fir-rikors tal-istralcarju tad-9 ta' Awwissu, 2023;

2. Tehles lill-istralcjarju mill-hatra taghha;

3. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex minnufih jikkonsenja lir-Registratur tal-Kumpanniji avviz tal-helsien tal-istralcjarju mill-hatra tieghu;

4. Tordna li l-isem tal-kumpannija Rapa Construction Industries Ltd. (C7906) jithassar mir-Registru tal-Kumpanniji b'effett mil-lum.

5. Tordna lir-Registratu tal-Qorti sabiex fi zmien sebat'ijiem mil-lum jibghat lir-Registratur tal-Kumpanniji l-ordni ta' thassir tal-kumpannija Rapa Construction Industries Ltd. (C7906);

6. Tordna lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex ihares dik l-ordni.

Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri
Imhallef

Deputat